

Paġna ewlenija>Drittijietek>Drittijiet fundamentali>Fejn nista' nsib l-għajnuna>Lista ta' qradi u korpi rilevanti>**Drittijiet fundamentali**

Drittijiet fundamentali

Kapitolu 1 tal-Kostituzzjoni jstabbilixxi d-drittijiet fundamentali. Dawn huma drittijiet li jagħtu liċ-ċittadini l-libertà li jgħixu f'ajjithom mingħajr indhfil mill-Istat. Il-Kostituzzjoni tinkludi wkoll id-drittijiet ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà u fil-ħajja politika. Eżempji ta' drittijiet fundamentali huma: il-libertà tal-espressjoni, id-dritt tal-protezzjoni ta' data personali, id-dritt tal-vot u d-dritt għal trattament indaqs.

Hemm żewġ tipi ta' drittijiet fundamentali:

Drittijiet fundamentali 'klassiċi': drittijiet ċivili u politiċi. Dawn jinkludu d-dritt għal vot, il-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-libertà tar-reliġjon u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

Drittijiet fundamentali 'soċjali': drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. Dawn jinkludu d-dritt għal akkomodazzjoni, sigurtà soċjali, kura tas-saħħa u edukazzjoni. Drittijiet fundamentali soċjali normalment mhumiex eżegwibbli f'qorti tal-ġustizzja, filwaqt li drittijiet fundamentali klassiċi huma. Għalhekk membru tal-pubbliku jista' jjeħu azzjoni legali jekk awtorità muniċipali trid tipprojbixxi dimostrazzjoni mingħajr raġuni valida.

L-aħħar aġġornament: 14/05/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.